# IL-HENA TA' TFULITI

*Essay Ta'* GEORGE STEVENS

Meta nkun waħdi fis-skiet u ebda inkwiet ma jkun qed itaqqalli qalbi u moħħi, ta' spiss inħobb insiefer bi ħsibijieti lejn l-imgħoddi li jferraħni, imma l-aktar lejn iż-żmien ħelu ta' tfuliti. Dak iż-żmien huwa l-aktar żmien li nħobb inħares lejh lura u t-tifkiriet tiegħu jhennuni aktar minn dawk ta' l-isbaħ vjaġġi li qatt għamilt wara żgħoriti. Tabilħaqq fit-tifkiriet ta' l-ewwel snin ta' ħajti, jiena nħossni ngħix mill-ġdid il-jiem tal-logħob u l-innoċenza u nduq il-ħlewwa bnina tagħhom kif naħla dduq il-benna tal-ward imżewwaq li tmur fuqhom. Hekk għadni kif ħassejt ftit ilu malli sibt ruħi waħdi fit-tieqa ta' kamarti nitgħaxxaq bil-friefet imlewna jittajru mingħajr ħsieb fir-raba' jħaddar ta' quddiemi. Stħajjiltni qiegħed nittawwal mit-tieqa ta' tifkirieti għax quddiem għajnejja beda jfiġġ l-imgħoddi — il-paġni ta' ħajti, u l-friefet jittajru fakkruni ninġabar fi ħsiebi fuq l-isbaħ paġna minnhom — iż-żmien ta' meta bħalhom kont ħafif niġġerra u nitlajja ma nafx x'inhu ħsieb u biża' li jnikket u jifni l-qalb tal-bniedem. U ftakart fi tletin, ħamsa u għoxrin sena ilu, ftakart fi tfuliti, ftit snin qabel l-aħħar gwerra meta l-ħajja għalija kienet mogħnija bil-ward u ż-żahar ifewwaħ.

Ftakart f'Bormla, fejn twelidt u qattajt tista' tgħid kważi s-snin kollha ta' tfuliti. Fit-triq tagħna konna niltaqgħu tfal, fil-biċċa l-kbira tfal imqarqċa xi ftit aktar milli jmissna, imma tfal li konna nafu nilagħbu u nedhew u nieħdu gost bl-anqas ħaġa. Bħalma huma llum, għalina s-subien, il-ballun kien l-aqwa seħer. Dak iż-żmien il-football tagħna kien ikun xi ballun tal-kamoxxa u, ta' kultant, xi wieħed ftit akbar tal-lastku li aktarx xi ħadd minna jkun qala' fi żmien l-Istrina. Il-ballun konna nilagħbuh l-aktar fil-bitħa tal-Pitkali, qabel ma taqbad l-Isla. Dik il-bitħa kienet imdawra kollha ħnejjiet u, fuq naħa minnhom kienet tiġi l-Għassa tal-Pulizija. Għalhekk mhux l-ewwel darba li kien jaqgħalna l-ballun għal ġo l-għassa, joħroġ xi pulizija jgħajjat magħna u jċanfarna, imma wara ftit jerġa' jitfgħalna l-ballun waqt li jwissina bi tbissima mrażżna u moħbija biex ma ntennux egħmilna. F'dik il-bitħa tal-Pitkali kien hemm kamra tal-Pulizija li fiha kienu jaqflu għal ftit taż-żmien xi ħadd li jkun xorob xi qatra żejda u kiser il-paċi pubblika. Mhux l-ewwel darba waqt xi partita konna nisimgħu xi raġel imsakkar, fis-sakra, iħabbat mal-bieb kemm jiflaħ jew jinseġ xi għanja mnebbaħ minn Bacchus. Ta' tfal li konna ninfexxew nidħku kemm nifilħu u minn wara l-bieb

ninbxuh xi waħda bis-serqa, għassa bħal seqer għall-pulizija ta' fuqna. Imbagħad nissoktaw il-logħba fejn ħallejna. Ħafna drabi l-partita kienet tkun bejn it-triq tagħna u xi triq oħra u, mhux darba u tnejn ġbarna xi ħaġa bejnietna biex nilagħbu għal xi tazza żgħira. Dik il-bitħa kienet maħluqa għalina għax biża' ta' karrozzi ma konniex nafu xi tfisser.

Logħba oħra li aħna s-subien konna nħobbu nilagħbu kienet il-logħba taż-żiemel. Waqt li tifel kien jagħmilha taż-żiemel, ieħor kien jagħmilha tas-sewwieq tiegħu u jiġbdu minn warajh bir-"riedni". Ir-riedni kienu jkunu biċċtejn lazz twil tas-suf fi strixxi ta' lwien sbieħ u spissi li konna naħdmuhom aħna t-tfal. Min jaf kemm konna nieħdu gost naħdmu dawk il-lazzijiet billi ndawru s-suf mal-labar tar-ras imdaħħla f'ras l-irkiekel u bil-pika bejnietna min ilaqqa' l-isbaħ kuluri! Meta l-lazzijiet ikunu lesti, arana mbagħad illebbtu ż-"żwiemel" tagħna u nissieltu taparsi tal-*cowboys* u l-Indjani — il-cowboys b'revolvers finta u l-Indjani bi qwies tal-qasab li konna wkoll nagħmlu aħna t-tfal. Dak iż-żmien kienu qed jidhru films ta' Roy Rogers, Tom Mix u John McBrown u bi tliet karnijiet konna naraw film tas-sagħtejn.

Is-subien konna nħobbu nilagħbu wkoll bil-boċċi tal-ħġieġ. Kull sold li kien ikolli fihom kont nonfqu ħlief meta kultant kont nixtri xi biċċa ċikkulata "Film Star" jew "Vega" jew xi xkuma mingħand il-Griega ta' ħdejn il-bieb tat-Tarzna. Imma l-boċċi kont inħobbhom wisq u l-aktar li kienu jogħġbuni kienu l-ħomor u s-sofor.

Bix-xejn konna nafu nilagħbu. Bil-karti tgħidx kemm konna nfasslu affarijiet — ajruplani, vapuri, dgħajjes, kpiepel u mitt ħaġa oħra li konna ndumu nedhew bihom min jaf kemm u fl-aħħar inpartuhom ma' xi żibeġ jew boċċi.

Filgħaxija, l-aktar fil-jiem tas-sajf, konna wkoll nafu ngħadduha. Konna ninġabru fuq xi tarġa u madwarha u kulħadd jirrakkonta l-istejjer folkloristiċi jew xi drabi nilagħbu Onġi onġi onġella taħt il-bozza tal-kantuniera. Konna wkoll nilagħbu bil-fanali tad-dulliegħa. Il-qoxra tad-dulliegħa konna ntaqqbuha u nużawha bħala fanal bix-xama' ġo fiha. Trid tarana filgħaxija serbut tfal għaddejjin wara xulxin bil-fanali tondi tad-dulliegħ qisna xi karattri ta' Disney fl-art tas-sħaħar.

Festa li aħna t-tfal konna nistennew bil-ħerqa kienet il-Karnival. Fil-Giovedì Gras ma kienx ikun hemm tifel jew tifla li ma jilbsux xi ħaġa mhux tas-soltu. Is-subien konna nilbsu aktarx il-ħwejjeġ tal-bniet u l-bniet il-kuntrarju. Ħafna minna jekk ma kienx ikollna maskra konna ninżebgħu — nagħmlu l-wardiet f'wiċċna bil-karti

ħomor imxarrba u l-mustaċċi u l-barbetti bit-tappijiet maħruqa. Ħafna mill-kbar kienu jħobbu jilbsu ta' Belzebub jew ta' xi ruħ billi jitfgħu liżar abjad imgeżwer magħhom. Nhar Sibt il-Karnival konna nerġgħu l-istess. Imma dak in-nhar konna nsibu laned u mbarazz kemm nifilħu, norbtuhom ma' xulxin u ngħaddu nkaxkruhom mit-toroq fost il-protesti tan-nisa tad-dar fuq il-għatba ta' biebhom. Fit-tlitt ijiem tal-Karnival kien ikollna għors ieħor. Bl-ilbies tal-Karnival konna nintasbu bil-qiegħda fuq it-torġien fi Triq San Pawl u nittantaw il-maskerati għaddejjin għall-Isla jew għar-Rialto. Ħafna kostumi kienu jgħaddu minn dik it-triq u ta' spiss kienu jitfgħu l-perlini fost l-entużjażmu tagħna. F'Ħadd il-Karnival ma kontx tara familja li ma tlibbisx xi kostum lit-tfal tagħha. Lili u lil ħuti kull sena kienu jlibbsuna xi ħaġa imma l-aktar li niftakar huwa l-kostum ta' l-Assedju tat-Torok li ommi kienet għamlet lili u liż-żewġ ħuti ta' warajja. Lili kienet libbsitni ta' Kavalier, lil ħija ta' Tork u lil oħti ta' Malta.

Imbagħad kien jibda riesaq il-Għid. Aħna t-tfal ngħoddu l-ġranet biex naraw kemm fadal għall-Irxoxt u l-figolla bil-bajda. Jasal Ħadd l-Irxoxt u maż-żerniq waqt li nkunu għadna fil-friex ta' sodditna nisimgħu d-daqq ferrieħi tal-fifra u t-tanbur għaddejjin mit-toroq. Kulħadd joħroġ jiġri minn friexu u wara ftit tal-ħin it-toroq minn fejn igħaddi l-Irxoxt ikunu dehra waħda ta' ferħ u ħajja. Xjuħ u żgħar, nisa u tfal, kulħadd għal wara l-Irxoxt. Tal-figolli jgħajtu bit-tilari quddiemhom u l-ħwienet imfawra b'kull xorta ta' ħlewwa. It-tfal jiġru bil-figolla f'idejhom u meta l-Irxoxt jasal ħdejhom jitolbuh iberikhielhom. Il-ġenituri kienu jwissuna sew li qabel ma l-figolla tkun imbierka ma jkunx jiswa li nduquha u dik it-twissija konna nobduha bl-akbar għaqal u reqqa. Flimkien mat-tberik tal-figolla l-akbar għaxqa tagħna kienet tkun il-ġirja ta' l-Irxoxt. Aħna t-tfal niġru quddiem u r-reffiegħa jiġru warajna bil-vara.

Fis-Sajf, il-familji tal-Kottonera kienu jħobbu ħafna jmorru biddgħajsa fuq il-breakwater iqattgħu xi sagħtejn mistrieħ għall-arja utieqa tal-baħar ifewwaħ. Dik kienet il-ħarġa tagħhom ta' nhar ta' Ħadd. Tad-dar kienu jmorru u joħduna magħhom. Il-vjaġġ biddgħajsa kont immut għalih u meta naslu fuq il-breakwater tgħidx kemm kont nifraħ nara mill-qrib xi vapur kbir dieħel jew ħiereġ minn bejn il-lanterni. Naf tajjeb imma li meta kienu igħadduni minn fuq il-pont tal-ħadid bil-biża' ma kontx irrid inħares 'l isfel lejn il-baħar. Darba bżajt ħafna wkoll ħdejn il-lanterna. Kienu libbsuni ta' baħri Amerikan komplit bil-berritta b'kollox u, billi kien daqsxejn tar-riħ, il-berritta taritli u bdiet iddur daqs żigromblu lejn il-baħar. Jien żgiċċajt minn id missieri u, biex nilħaqha għal daqsxejn ma

mortx il-baħar. Ħadt qatgħa kbira jien u tad-dar ħadu qatgħa akbar.

Dak iż-żmien fuq il-breakwater kien ikun hemm ċertu moviment u ħajja. Nies imxaħxħa fuq il-blat, oħrajn jippassiġġaw fuq il-moll u kulħadd jiekol, jixrob u jixxala sakemm ix-xemx tislef l-aħħar dawl tagħha minn fuq ix-xefaq. Imbagħad id-dgħajjes tal-pass bid-dawl tal-fanal inemnem igħabbu l-familji lura lejn djarhom u joforqu l-baħar imħallat bid-dwalijiet jirtogħdu tal-bastimenti.

Fiż-żmien li qed insemmi, f'Bormla kien hemm namra kbira għad-dgħajjes tat-tiġrija u, fit-tiġrijiet tal-Vitorja, il-qaddiefa Bormliżi kienu spiss ikaxkru l-aħjar premjijiet. Għalhekk, meta kienet toqrob il-Bambina kienu jibdew il-provi tad-dgħajjes għat-tiġrijiet. In-nannu kien akkanit ħafna għall-opri tat-tiġrija u ta' spiss kien jeħodni miegħu naraw il-provi ta' Bormla fuq dgħajsa tal-pass li kienu jinkrew apposta mix-Xatt ta' Santa Tereża. Il-għors tiegħi kien ikun aħna u sejrin bid-dgħajsa nħares lejn il-bastimenti kbar sorġuti fit-tarzna aħna u għaddejjin minn taħthom. Meta naslu fil-post tal-provi erħili mbagħad inċapċap u ngħajjat x'ħin nara l-barklori b'idejhom mibruma u felħana jġerru d-dgħajjes ċelesti u bojod, l-ilwien ta' Bormla. Aħna t-tfal ħalli għalina dak iż-żmien nagħmlu d-dgħajjes tal-kartun u nistennew bla sabar ix-xita tagħmel biex intelliquhom fil-kanali ta' l-ilma. U meta tasal it-tiġrija proprja arana nixtru l-programmi u nimlew bil-kuluri meħtieġa l-bandieri tad-dgħajjes, imbagħad immorru fuq is-swar li jħarsu għall-port ferħana se ntiru naraw it-tiġrija.

San Martin konna nistennewh ukoll mingħajr sabar. Lejlet il-festa, tad-dar kienu joħduni s-Suq ta' Bormla biex jimlewli l-borża ta' San Martin. Is-Suq kien ikun fih għaxqa u barka. Ħwienet imballati bil-lewż, ġewż u ġellewż, tin, qastan, tamal, ħbejżiet u x'naf jien, bil-mixegħla tal-bozoz bi lwien diversi. Kull fejn tħares, min ibigħ u min jixtri u t-tfal bit-tbissima fuq fommhom u l-ferħ jilma f'għajnejhom jiġru u jċekċku l-borża f'idejhom. Il-provvidenza li kont nara fis-Suq ta' Bormla f'San Martin għad qatt ma kelli l-ħila nara bħalha f'xi post ieħor. Dik kienet xi ħaġa li għadha minquxa f'moħħi sal-lum. Min jaf kemm kont indum nilgħab mat-tfal bil-lewż li nkun qlajt f'San Martin!

Dawn it-tifkiriet sbieħ għadhom kemm għebu minn quddiem għajnejja malli warrabt mit-tieqa li tħares fuq ir-raba' jħaddar mimli bil-friefet imlewna. Imma bħalissa, waqt li qiegħed nikteb, mill-ħġieġ qiegħed nara fit-triq xi tfal jilagħbu b'ġugarelli mekkaniċi u oħrajn b'oġġetti tal-plastik. Dan ifakkarni li t-tfal tal-lum ma għadhomx bħalma konna aħna. Mhux se ttihom jilagħbu bl-affarijiet tal-karti.

Lanqas ma tant tarahom jilagħbu onġi onġi onġella. Meta kont tfal jien konna nilagħbu bix-xejn. U konna nafu nilagħbu. Waħda mir-raġunijiet kienet li konna nedhew f'ħafna logħbiet folkloristiċi li llum għoddhom spiċċaw fix-xejn. Forsi raġuni oħra kienet dik li ma kienx hawn il-ħafna ġugarelli tal-lum jew forsi għax daqs il-lum flus ma kienx hawn f'idejn il-familji. Kienu x'kienu r-raġunijiet naf ingħid ħaġa waħda. Dak iż-żmien, is-snin tat-tfulija kienu aktar ta' hena u ta' ferħ minn dawk li nafu llum. Kien aktar żmien l-innoċenza!